IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

ĠUNJU 1954.

# Iż-Zjara tar-Reġina fil-Gżejjer ta' Malta

*FOST l-artijiet tad-dinja li jinsabu taħt il-Kuruna Ingliża l-ebda waħda ma kellha x-xorti li tkun marbuta b'rabtiet hekk għeżież ma' qalb ir-Reġina daqs kemm iċ-ċkejkna gżira tagħna minn mindu Hija, bħala Prinċipessa, werrieta tal-Kuruna Ingliża, kienet għadha kif ingħaqdet bi żwieġ ma' Filippu Mountbatten, il-Baruni ta' Greenwich u Konti ta' Merioneth u Duka ta' Edinburgu. Minn dik il-għaqda ta' żwieġ, tista' tgħid, qalb il-Prinċipessa bdiet ukoll tingħaqad ma' l-art ċkejkna tal-Gżira tagħna fejn, fil-fjur ta' żmienha u fl-isbaħ ħolm ta' ħajja ta' mħabba u hena, ħasset ġibda kbira għall-port ta' Malta fejn żewġha, bħala Fizzjal fil-Flotta tal-Mediterran inzerta hawnhekk kemm-il darba u, fejn bħala martu ġiet tgħix miegħu u tgħaddi l-ġimgħat u x-xhur u fejn sabet ruħha milqugħa u dejjem imdawra mill-imħabba u qima tal-Maltin—b'dik l-imħabba u qima ta' nies dħulin li jafu jilqgħu lil kull barrani, b'dik il-ħlewwa li qajla ssibha f'sudditi ta' nazzjonijiet oħra—ħaġa li għaliha l-Maltin baqgħu msemmijin minn żmien il-qedem.*

*Din il-gżira mżejna bl-isbaħ sema, bil-ġmiel tan-natura dejjem tidħak kienet għaliha waħda mill-iktar rokna kennija ta' hena, sliem u mistrieħ li taqbel mhux ftit mal-għaxqa ta' qalbha, Hija li tant tħobb il-kwiet tan-Natura. Meta laħqet Reġina, Hija ma setgħetx ma ġġibx quddiem għajnejha l-qima u l-ferħ tal-Maltin, li wiċċhom, tista' għid, kienet dratu bħalma kienet drat dak tal-ħbieb u n-nies tagħha ta' Pajjiżha, meta semgħet bil-festi kbar li Malta kienet għamlet fl-Inkoronazzjoni tagħha bħala Reġina. Għalkemm fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha, kemm ukoll f'okkażjonijiet oħra l-Maltin kienu wrewha qalbhom bir-rigali sbieħ li offrewlha, għalkemm Hija dejjem uriet kemm laqgħet bi pjaċir dawn ix-xhidiet materjali ta' lealtà u qima Lejha, nistgħu ngħidu, iżda, li l-isbaħ rigali li għożżiet mhux ftit kienu l-laqgħat kbar li l-Maltin u l-Għawdxin għamlulha, sew fl-erba' żjajjar*

*li kienet għamlet f'dawn il-Gżejjer bħala Prinċipessa mill-1949 sal-1951, kemm ukoll dan l-aħħar bħala Reġina ġimagħtejn qabel ma reġgħet lejn Darha wara l-vjaġġ kbir ta' sitt xhur u żjajjar fl-artijiet kollha ta' l-Imperu Ingliż.*

*Bħalma kien intqal f'artiklu f'"Il-Malti" ta' Ġunju tas-sena li għaddiet fl-okkażjoni ta' l-Inkoronazzjoni Tagħha: "Malta, għalkemm hija l-iċken fost l artijiet l-oħra, hija waħda mill-egħżeż ġawhriet fil-Kuruna fuq ras ir-Reġina Tagħna Eliżabetta", u dina r-Reġina tafu biżżejjed għax ratu b'għajnejha stess kemm swiet Malta għall-Imperu Ingliż fil-mitt sena u nofs u fuqhom li ilha taħt il-ħarsien tal-Bandiera Ingliża, l-iktar f'din il-Gwerra l-Kbira ta' l-aħħar (biex ma ngħidx ta' qabel ukoll), tant li għas-sakrifiċċi li għamlet u għat-tbatijiet li batiet stħoqqot minn għand Missierha d-dekorazzjoni tal-*George Cross *u minn għand il-President Roosevelt ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika l-isbaħ tifħir bil-miktub li setgħet tagla'. Dan hija ratu kemm-il darba fis-sinjali li ħalliet fuq sider Malta din l-aħħar Gwerra—fil-ħsarat u qirda ta' djarha u ta' wliedha u ta' dawk in-nies l-oħra ta' l-Imperu Ingliż li ħallew ħajjithom taħt in-nirien tal-għadu taħt is-sema tal-Gżejjer ta' Malta. U dan hu l-isbaħ Monument li bih setgħet titgħaxxaq ir-Reġina Eliżabetta fiż-żjajjar Tagħha, sew bħala Prinċipessa kemm bħala Sultana tagħna. Iż-żewġ Monumenti taż-Żewġ Gwerer il-Kbar li aħna kellna x-xorti narawha tikxef, li fihom Malta kellha sehem—f'ta' l-aħħar l-aqwa wieħed — jibqgħu xhieda fl-Istorja ta' Malta, tal-Lealtà u tas-Servizz ta' Qlubija tal-Qalb Maltija għad-Difiża tal-Libertà taħt l-Imperu Ingliż li miegħu Malta hija marbuta b'rabtiet l-aktar qawwija u li f'din ir-rabta l-figura tar-Reġina Eliżabetta quddiem dawn il-Monumenti f'Malta tibqa' għalina l-egħżeż simblu li ma jintesa qatt. Hekk ukoll jibqgħu fil-qalb tal-Maltin u Għawdxin il-figura sabiħa u għażiża Tagħha fiż-żjajjar li għoġobha tgħamlilna —żjajjar li jitqgħu fil-Ktieb tal-Memorji Tagħha u tal-Gżira l-isbaħ u l-egħżeż paġni.*

A. Cremona